MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Citazzjoni Numru. 1045/2001/1

**Lara u Santino konjugi Micallef**

**vs**

**Tarcisio Camilleri**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fil-11 ta' Gunju, 2001, li in forza taghha eccepew illi;

L-atturi u l-konvenut iffirmaw skrittura privata datata 6 ta' Ottubru, 1999 hawn annessa markata dok "A" fejn il-konvenut bhala importatur u agent tas-socjeta' estera *Shaws Pet Products Ltd* obbliga ruhu li jitrasferixxi l-istess agenzija lill-atturi taht dawk il-kondizzjonijiet insisti fl-istess skrittura.

Fl-imsemmija skrittura hemm imposti fuq il-venditur/konvenut diversi obblizazzjonijiet *inter alia* li ma jikkompetix max-xerrejja/atturi fl-istess linja ta' prodotti (negozju) matul il-perjodu/validita' ta' l-istess skrittura u ghal ghaxar snin wara l-iskadenza ta' din l-istess skrittura kif jirrizulta mill-klawsola 11 tal-iskrittura hawn fuq imsemmija.

L-venditur/konvenut obbliga ruhu li ma jimpurtax u li ma jkollu l-ebda interess la b'mod dirett u lanqas b'mod indirett f'*Shaws Pet Products* salv ghall-finijiet tal-iskrittura hawn fuq imsemmija u dan skond klawzola 11 tal-istess skrittura.

L-venditur/konvenut obbliga ruhu li jimporta l-prodotti hawn fuq imsemmija u *cioe' shampoos* biss fuq l-ordni u l-inkarigu tax-xerrejja/attur, u *oltre* iggarantixxa illi l-istess prodotti jinbieghu f'Malta minghand ix-xerrejja/attur biss. Peress illi dan kollu jirrizulta minn l-istess klawzola 11 tal-iskrittura hawn imsemmija.

L-venditur/konvenut importa prodotti ta' *shampoos* mhux fuq l-ordni u l-inkarigu tax-xerrejja kif jirrizulta mid-dokumenti annessi dok "B" u konsegwentement mhux qed jigu osservati *da parti* tal-konvenut dawk l-obbligi fi klawzola 11.

*In forza* ta' klawzola 12 l-iskrittura hawn fuq imsemmija il-venditur huwa obbligat ihallas is-somma ta' ghaxart elef lira Maltin Lm10,000 jekk il-venditur/konvenut jikkontravjeni kwalsiasi obbligazzjoni imposta fuqu skond it-*termini* tal-istess skrittura.

Talbu ghalhekk lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex;

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi bl-agir tieghu l-konvenut kiser l-kondizzjonijiet patwitti *in vista* tal-iskrittura privata datata 6 ta' Ottubru, 1999.

2. Konsegwentement tordna t-terminazzjoni tal-iskrittura hawn fuq imsemmija.

3. Tikkundana l-konvenut ihallas is-somma ta’ ghaxart elef lira Maltin (Lm10,000) bhala danni prelikwidati *in vista* tal-istess skrittura.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali ta’ 24 ta’ Mejju, 2001 u tal-mandat ta’ sekwestru ta’ 31 ta’ Mejju, 2001 u bl-imghax legali kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li *in forza* taghha huwa eccepixxa illi;

It-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi *stante* li mhux minnu li l-konvenut kiser l-kondizzjonijiet patwiti fl-iskrittura privata datata 6 ta’ Ottubru, 1999, anzi kienu l-istess atturi li bl-agir taghhom naqsu mill-osservanza tal-kondizzjonijiet ta’ l-istess skrittura.

*Salv* eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Semghet il-provi tal-partijiet;

Rat id-digrieti moghtija f’din il-kawza;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza instemghet kontestwalment mal-kawza fl-ismijiet inversi, citazzjoni numru 994/01TM; iz-zewg kawzi kienu jikkoncernaw l-istess fatti, u l-provi ghal-fini taz-zewg kawzi instemghu fil-kawza l-ohra li giet deciza illum stess minn din il-Qorti. Iz-zewg kawzi jirreferu ghal ftehim iffirmat bejn il-partijiet fis-6 ta' Ottubru, 1999, u fil-waqt li fil-kawza l-ohra Tarcisio Camilleri allega li Lara u Santino konjugi Micallef kisru l-ftehim, f'din il-kawza din l-allegazzjoni qed issir mill-konjugi Micallef fil-konfront ta' Tarcisio Camilleri.

Il-fatti u c-cirkostanzi tal-kaz gew esposti u spjegati minn din il-Qorti fil-kawza l-ohra, fejn din il-Qorti dahlet fil-meritu tat-tifsira tal-ftehim u ezaminat il-meritu tal-allegazzjonijiet reciproci tal-partijiet fil-konfront ta' xulxin. Ghal dak li jinteressa din il-kawza, din il-Qorti esprimiet il-veduta li, fil-fatt, il-konvenut agixxa bi ksur tal-ftehim ta' Ottubru, 1999, meta importa gewwa Malta "*Citronella essence Shampoo for Dogs"* f'kompetizzjoni diretta mal-prodott *"Parapet Shampoo"* importat mill-atturi. Din l-importazjoni, inghad fil-kawza l-ohra, saret bi ksur ta' obbligu li assuma l-konvenut biex ma jikkompettix mal-atturi *"on the said product lines,"* u dana fil-kuntest tal-ftehim indikat. F'dik il-kawza intqal ukoll, *pero'*, li dan il-ksur *da parti* tal-konvenut kien *de minimis*, u ma kellux ikollu dak l-effett hekk drastiku fuq l-operazzjoni tal-ftehim li jwassal lill-parti l-ohra, l-atturi f'din il-kawza, twaqfu kompletament. Din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza fil-kawza l-ohra fejn il-Qorti esponiet il-konsiderazzjonijiet u l-motivazzjonijiet li wasluha ghal konkluzzjonijiet taghha, liema konsiderazzjonijiet u motivazzjonijiet ghandhom jitqiesu li jghoddu ghal u jifformaw parti minn din id-decizjoni.

Darba, allura, li l-konvenut agixxa bi ksur tal-obbligazzjoni minnu assunta, huwa tenut ghal hlas tal-penali komtemplata fl-artikolu 12 tal-ftehim.

Il-penali miftiehma hi ta' Lm10,000 *"for every such default"*. *In tema* legali, l-artikolu 1122 tal-Kodici civili jiddisponi li l-Qorti ma tistax tnaqqas jew itaffi l-penali, hlief meta d-debitur ikun ezegwixxa parti mill-obbligazzjoni, u din jew tkun accettata mill-kreditur jew tkun bic-car tiswielu. F'dan, il-kaz, il-konvenut kien regolarment qed iwettaq l-obbligazzjonijiet tieghu, hlief f'zewg okkazzjonijiet meta importa *Citronella Essence Shampoo* imsemmi; dan l-agir ma kellux jasal ghal-impasse li holqu l-konvenuti meta ma mxewx skond l-ittra u l-ispirtu tal-ftehim ta' Ottubru, 1999. *Kwindi*, l-Qorti thoss li l-penali li l-konvenut ghandu jhallas ghandha tkun biss ta' Lm1,500.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza, billi tilqa' t-talbiet attrici, u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' Lm1,500 (elf u hames mitt lira Maltin) bhala penali, bl-imghax legali mil-lum sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------